Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 25/2013AE

**Yolanda Attard**

**Vs**

**Citadel Insurance plc**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

Permezz ta' decizjoni li nghatat fit-13 ta' Settembru 2013, l-Arbitru iddecieda li l-incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Marzu 2011 fi Triq Dun Frans Camilleri kien responsabbilta tar-rikorrent u x-xufier l-iehor f'proporzjon ta' 75% u 25% rispettivament.

Ir-rikorrenti, illum appellanti, appellat mid-decizjoni tal-Arbitru. L-aggravju hu li:-

1. Il-fattur uniku li ta lok ghall-incident kien 'il fatt li l-vettura l-ohra kienet qeghda tinstaq *'kontra l-one way'*.
2. Ir-rikorrenti ma kellha l-ebda obbligu li qabel tohrog fit-triq principali thares ghal dak li kien hemm quddiemha; *"Quddiemha meta harget ma kellu ikun hemm l-ebda vettura gejja ghaliex it-triq kienet 'one way'"*. Issostni li ma kellhiex tistenna li jigi traffiku mid-direzzjoni li gie Borg u ghalhekk ma jistax jinghad li ma naqset li tara dak li kien hemm quddiemha.

Il-qorti rat l-atti.

1. Il-kaz hu dwar incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Marzu 2011 fi Triq Dun Frans Camilleri, San Gwann. Ir-rikorrenti kienet qeghda ssuq il-vettura EBF 013 filwaqt li l-assigurat tas-socjeta intimata kien qieghed isuq il-vettura HAB 657. Ir-rikorrenti kienet hierga minn triq sekondarja waqt li x-xufier tal-vettura assigurat mis-socjeta intimata, kien ghaddej mit-triq principali pero wrong way. L-Arbitru ddecieda li r-rikorrenti kellha 75% mill-htija filwaqt li x-xufier l-iehor kellu 25% mill-htija.

2. Il-qorti hi tal-fehma li:-

i. Minn ritratt li hemm fl-atti[1] hu evidenti li l-vettura tar-rikorrenti ma waqfitx fuq is-sinjal STOP. L-angolatura tal-vettura ma thalli ebda

[1] Numru 7 minn 9.

dubju li fit-tarf tat-triq sekondarja l-vettura tar-rikorrenti kienet fuq il-lemin ta' fejn jidher is-sinjal STOP.

ii. Ghalkemm ir-rikorrenti qalet li meta sehh l-impatt il-vettura taghha kienet wieqfa, il-qorti ma temminx. Mill-iskizz hu evidenti li meta sehh l-impatt il-vettura kienet diga' dahlet fi Triq Dun Frans Camilleri ghalkemm kienet ghadha ma sabitx il-posizzjoni taghha fit-triq.

iii. Fir-road accident report, il-verzjoni li tat ir-rikorrenti hi: *"Dahal go fija kont wieqfa"*. Pero' meta xehedet qalet: *"Fil-hin tal-habta t-tnejn konna mexjin. Ma kontx wieqfa fil-hin tal-incident"*.

iv. Jidher li r-rikorrenti, li qalet li d-dar taghha qeghda fi Triq Dun Frans Camilleri, qatt ma stenniet li ser tigi vettura *wrong way*. Fil-fatt qalet: *"Jien kont diehla ghat-triq fejn noqghod jien li hija one way u* ***ma bsartx li ser insib vettura diehla kontra wrong way*** *u faqani. Meta hrigt ma bsartx li ser insib lilu"*. F'seduta ohra qalet li harset biss fuq ix-xellug taghha ghaliex ma stennietx li ser jigu vetturi minn fuq il-lemin taghha. Dan fih innifsu hu wkoll nuqqas. Xufier ta' vettura m'ghandu jipprezumi xejn u ghandu dejjem izomm *proper look out*.

v. Min-naha l-ohra l-intimat kien qieghed isuq wrong way. 'Il fatt li qal: *"Ma kontx naf li din kienet one way"*. Evidenti li hu stess ma kienx qieghed izomm *proper lookout* ghaliex kliemu jfissru biss li ma rax is-sinjal *No Entry*.

Il-qorti hi tal-fehma li l-Arbitru kien gustifikat jikkonkludi li:-

*"Attard kienet in parti responsabbli ghal habta ghaliex harget minn Stop Sign minghajr l-attenzjoni mehtieg u fil-mument tal-habta kienet qeghda ssuq 'il quddiem waqt li kien qed thares fuq ix-xellug u ma kinitx rat il-vettura l-ohra"*.

'Il fatt li minn fuq il-lemin tar-rikorrenti mhux suppost ighaddu vetturi, ma jfissirx li qabel harget fit-triq principali ma kellix thares fuq il-lemin taghha. Xufier attent irid jiehu l-prekawzjonijiet kollha qabel jirfes fi triq principali.

Fl-ahharnett l-aggravju tal-appellanti hu li hi ma kellha l-ebda tort ghall-incident u li ghalhekk l-Arbitru kellu jasal ghal konkluzjoni li Borg kien unikament responsabbli ghall-incident. Din il-qorti trid tiddeciedi fuq l-aggravju tal-appellanti u mhux ragunijiet ohra li ma jissemmewx fir-rikors tal-appell[2].

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.

---

[2] Per ezempju m'hemmx aggravju li l-persentagg ta' 75% responsabbilta tar-rikorrenti kellu jkun inqas.